QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

It-Tlieta 4 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-5:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

37.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

37.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

37.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

37.2.1 Peress li l-minuti tat-tlieta u tletin laqgha, tal-erbgha u tletin laqgha u tal-hamsa u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

37.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

37.3.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill gie assenjat b'haddiem gdid li jismu Charlie Bigeni mill-*Public Cleansing Department*. Huwa semma li dan ser ikun qed juza l-mohriet u ghalhekk ser jinghata t-tahrig kollu mehtieg sabiex Charlie Bigeni kif ukoll Joseph Buttigieg persuna li qed taghmel *community work* mal-Kunsill, ikunu jistghu juzaw il-mohriet u xi ingenji ohra ta' dan it-tip.

37.3.2 Is-Sindku semma li giet sottomessa applikazzjoni *Europe for Citizens Programme* 2014-2020 ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea ghall-gemellagg bejn il-Kunsill Lokali u Canale Monterano. Giet trattata id-*declaration of honour*. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* minghand l-*Education, Audiovisual & Culture Executive Agency* ghal din l-applikazzjoni.

37.3.3 Is-Sindku semma li l-istima ghal *Topographic Surveys* ghal Triq gdida fi Triq il-Mithna u parti minn Triq ta' Kassja huma €240 u €160 rispettivament. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

37.3.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil organizzaturi tat-tigrija taz-zwiemel datata 11 ta' Lulju 2018 fejn gew informati li l-Kunsill jsib ebda oggezzjoni li jsiru it-tigrijiet taz-zwiemel nhar il-Hadd 29 ta' Lulju 2018. Fis-16 ta' Lulju 2018 ntbghatet ittra ohra riveduta.

37.3.5 Giet trattata talba ghal estenzjoni ta' *double yellow line* faccata tal-*garage* tar-residenza 'Dejavu', Triq il-Mithna.

37.3.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-awdituri RSM Malta bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2017.

37.3.7 Gie trattata s-sentenza tal-kawza tal-Pulizija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, dwar l-incident li sehh nhar it-18 ta' Lulju 2017 fejn korra Joseph Buttigieg. Il-Qorti mhux qed issib lill-imputati Paul Buttigieg u Marcia Borg hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom kemm fil-kapacita` ufficjali taghhom kif ukoll personalment u minnhom tilliberahom.

37.3.8 Is-Segretarja Ezekuttiv semmiet li kellu jinxtara kompjuter gdid ghar-*reception area* peress li dak li kien hemm ghamel il-hsara. Ghalhekk il-kompjuter il-qadim ser jigi *disposed*.

37.3.9 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-5 ta' Lulju 2018 sal-4 ta' Settembru 2018 minn referenza numru 106/18 sa referenza numru 162/18 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 56/18 sa referenza numru 72/18 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

37.3.10 Il-Kunsill ircieva l-ittri li gejjien:

37.3.11 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv George Refalo tar-Regjun t'Ghawdex dwar proposta ghall-Karnival Regjonali ta' Ghawdex 2019.

37.3.12 Il-Kunsill ircieva tlett ittra minghand Ruben Said *Head* tat-*Transport Malta* f'Ghawdex fejn ma jsibux oggezzjoni sabiex isiru *double yellow lines* f'naha wahda ta' *garage* tar-residenza 'Narcis', Triq il-Mithna, faccata ta' *garage* ta' 'Ave Marija', Triq Federici Barocci u faccata tal-*garage* '*Little Mountain*', Triq il-Papa Piju XII.

37.3.13 Ittra mibghuta minn Antoine Zammit *Senior Principal* fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, fejn informa lill-Kunsill li l-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-propost gemellagg bejn il-lokalita` tal-Qala u mal-Canale Monterano fl-Italja.

37.3.14 Ittra mibghuta minn Anthony Agius Decelis Segretarju Parlamentari ghal Persuni b'Dizabilita` u Anzjanita` Attiva, dwar Premju Anzjanita` Attiva 2018.

37.3.15 Ittra minghand Etienne Schembri Direttur/*Chairperson Fund Raising Committee* Fondazzjoni Nazareth, dwar maratona televiziva 'Bis-Sahha ta' Kulhadd 2018'.

37.3.16 Ittra mibghuta mill-Av. Mark Refalo u l-Av. Manuel Galea mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn permezz tal-prezenti s-socjeta mittenti Euch Zammit Company Limited irreferiet lill-Kunsill ghal propjeta taghha fi Triq it-30 t'Ottubru li fih hemm *playground* li kien gie zviluppat mill-Kunsill. Il-Kunsill gie interpellat sabiex fi zmien gimghatejn jirrilaxxa l-art f'idejn il-mittenti. Il-Kunsill iddecida li din l-ittra ghandha tigi mghoddija lill-Avukata tal-Kunsill.

## 37.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

37.4.1 Il-Vici Sindku Jesmond Borg ressaq talba minghand persuni li quddiem id-dar taghhom ghandhom *bus stop,* li qedha fi Triq il-Qala sabiex din titressaq aktar l-isfel mal-kantuniera. Gie deciz li din tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

37.4.2 Il-Vici Sindku staqsa dwar it-talba li kienet saret lit-*Transport Malta* sabiex il-*bus stop* li hemm fi Triq San Guzepp titressaq fi Pjazza San Guzepp, peress li kien hemm xi ilmenti mir-residenti ta' Pjazza San Guzepp ghax il-*bus stop* kienet ser titressaq quddiem taghhom. Gie deciz li din tigi diskussa waqt laqgha tal-Kunsill li jmiss ukoll.

37.4.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar jekk hux ser jinbena l-hajt tas-sajjieh fi Triq in-Nigret. Is-Sindku semma li l-gimgha d-diehla ser jinbena hajt bil-kantun.

## 37.5 L-offerta ghall-ghamara tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

37.5.1 Ghal din il-parti tal-laqgha s-Sindku stieden lill-Perit Godwin Sultana fejn ta spjegazzjoni tal-pjanti ghal manutenzjoni tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard. Huwa semma li ser jibghat l-

ispecifikazzjonijiet sabiex il-Kunsill ikun jista` johrog l-offerta. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li kieku sew li tinhareg offerta ghat-tapit ta' taht il-bandli sabiex tkun tista tintuza ghall 'Gnien il-Familja' ukoll. Il-Perit semma li l-offerta jista` jaghmilha f'zewg *lots* fejn *lot 1* tkun ghall-ghamara, *equipment* u t-tapit tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard filwaqt li *lot 2* ikun ghat-tapit ghal 'Gnien il-Familja'.

**37.6 Rendikont dwar il-laqgha li saret mal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17.**

37.6.1 Is-Sindku semma li huwa flimkien mal-Kunsillier Paul Buttigieg attendew ghall-laqgha mal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17. Is-Sindku semma li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma qed isibu problema ghax il-Kunsill Lokali huwa *registered objector* ghal dan il-progett peress li x'hin huma ser japplikaw ghal xi fondi ser isibu l-problemi. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill m'ghandux jibqa *registered objector* izda xorta jkun fil-bord. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa ghadu mhux konvint. Huwa qal li l-Korporazzjoni ma dahlet ebda kundizzjoni li ppropona l-Kunsill. Is-Sindku semma li mhux ser ikun hemm hsara peress li ilma bahar biss ser johrog ghal gol bahar kif ukoll kollox ser ikun skond l-*EU regulations* u nistghu wkoll nitolbu *plaining gain*. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jekk xi haga jmur hazin il-Kunsill ser jehel. Is-Sindku semma li ghandu jintalab *planning gain* ta' €50,000 ghal xi progett fil-lokalita`. Il-Kunsill iddecida li fil-*Management Board* tal-progett tal-Korporazzjoni bhala rapprezentanti ghandu jkun hemm is-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Paul Buttigieg filwaqt li fil-bord tal-ippjanar tal-Awtorita` tal-Ippjanar ghandu jkun hemm is-Sindku Paul Buttigieg. Giet trattata ittra mibghuta minn Yoanne Muscat mill-Awtorita` datata 3 ta' Settembru 2018 dwar din il-materja.

**37.7 Ghazla tal-offerti/kwotazzjonijiet ghal servizz ta' *open skips*, gbir tal-iskart domestiku imhallat, provvista ta' konkos u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar, servizz tal-*bulky refuse*.**

37.7.1 Nhar il-11 ta' Lulju 2018 saret laqgha tal-bord tal-evaluazzjoni dwar l-ghazla tal-offerti/kwotazzjonijiet ghal servizz ta' *open skips*, gbir tal-iskart domestiku imhallat, provvista ta' konkos u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar, servizz tal-*bulky refuse*. Il-Kunsill studja r-rapporti tal-evaluazzjoni u unanimament qabel ma dawn l-istess rapporti.

**37.8 Ghazla ta' kwotazzjoni ghall-ikel tal-*Qala International Folk Festival 2018*.**

37.8.1 Ghal din il-parti tal-laqgha s-Sindku stieden lill-Arcipriet tal-Qala Dun Nazju Borg flimkien ma Massimo Rapa u Aaron Curmi f'isem il-Parrocca tal-Immakulata Kuncizzjoni u San Guzepp. Massimo Rapa ta spejgazzjoni tal-istima ta' l-ikel kollu li jista` jigi ppreparat ghal *Qala International Folk Festival 2018*. Huwa semma li l-prezzijiet tal-ikel huma *per person*. Is-Sindku ghalhekk semma li l-Kunsill mhu ser jixtri xejn hlief id-*drinks* u l-imbid. Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li fil-lejla meta ser ikun hemm ikel tradizzjonali Ghawdxi, d-deserta sew li tkun deserta tradizzjonali wkoll bhal per ezempju xi imqaret. Il-parocca ma sabitx problema ghal dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk humiex ippreparati ghal li jista` jinqala sabiex ma jigrix bhal ma gara s-sena l-ohra fejn min kien qed jiehu hsieb ma setax ikompli bil-preparazzjonijiet tal-ikel. Huma qalu li huma ppreparati u li ser ikunu responsabbli jekk jigri xi haga. Gie mitlub sabiex dawn jithallsu xi flus minn qabel sabiex jinxtraw l-affarijiet tal-ikel. Is-Segretarja semmiet li jista` jsir *part payment* fuq *proforma invoice* (*draft invoice*) u imbaghad wara x'hin ikun sar kollox tinhareg *final invoice* fejn minnu jitnaqqas il-*part payment* u jithallas

QALA

il-komplament. Is-Segretarja Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont totali ghal dan is-servizz jidher li ser ikun madwar €5,000. Is-Sindku semma li huwa kien gab stima ohra minghand Abraham's Vini e Capricci *wines and whims* izda l-prezzijiet kienu oghla minn dawk tal-Parrocca. Il-Kunsill qabel mal-istima tal-Parrocca. Il-Kunsill qabel ukoll li l-*packed lunches* ghandhom isiru mill-Qala Menhir Folk Group.

### 37.9 L-ahhar informazzjoni dwar il-*Qala International Folk Festival 2018.*

37.9.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghtuna *sponsor* ta' €2,500 ghall-*Qala International Folk Festival* ta' din is-sena. Giet trattata korrispondenza dwar dan datati 3 ta' Lulju, 26, 27 u 28 t'Awwissu 2018. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Ministeru ghal Ghawdex fejn gew mitluba sabiex jigu mislufa zewg *exhibition tables* ghal wirja tal-bolol. Il-Kunsill ircieva risposta li jrid jiffirma dikjarazzjoni li jekk ma jigux ritornati lura fil-kundizzjoni kif mislufa il-Kunsill ikun obbligat li jirranga l-hsara li tkun saret. Il-Kunsill qabel ma dan.

### 37.10 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

37.10.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet b'referenzi SP 1/2018, SP 2/2018 u SP 3/2018. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-hlasijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

### 37.11 Mozzjonijiet.

37.11.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

### 37.12 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

37.12.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 12 ta' Ottubru 2018.

Konfermati, illum 16 ta' Novembru 2018.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv